

Brussell, 19 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10579/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0169 (NLE)

PI 129
AGRI 291

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 318 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl- Assemblea tal-Unjoni Speċjali ta' Liżbona

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 318 final.

Mehmuż: COM(2025) 318 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2025
COM(2025) 318 final

2025/0169 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni
Speċjali ta' Liżbona**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali ("WIPO") b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-emendi tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("ir-Regolamenti Komuni").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. L-Att ta' Ġinevra

L-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-2015 ("l-Att ta' Ġinevra") jaġġorna u jtejjeb il-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom tal-1958 ("il-Ftehim ta' Liżbona"). Dan daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Att ta' Ġinevra¹.

2.2. L-Assemblea tal-Unjoni Speċjali

L-Unjoni Speċjali, amministrata mill-WIPO, hija magħmula mill-Partijiet Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra u mill-Istati li huma parti għall-Ftehim ta' Liżbona. L-Artikolu 22(2) tal-Att ta' Ġinevra jipprevedi li l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali tittratta *inter alia* l-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw iż-żamma u l-iżvilupp tal-Unjoni Speċjali u l-implimentazzjoni tal-Att ta' Ġinevra, u jemenda r-Regolamenti Komuni.

2.3. L-att previst tal-Unjoni Speċjali

Waqf l-Assemblej Ġenerali tad-WIPO li se jsiru bejn it-8 u s-17 ta' Lulju 2025, jista' jkun li l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali tadotta l-emendi tar-Regolamenti Komuni stabbiliti hawn taħt.

L-emenda proposta tar-Regola 1(1) taġġorna d-definizzjoni ta' "formola uffiċjali" fis-subparagrafu (vi) biex tinkludi referenza għall-interfaċċa elettronika (e-Liżbona), li saret disponibbli mill-Bureau Internazzjonali għall-Awtoritajiet Kompetenti tas-Sistema ta' Liżbona fuq is-sit web tal-Organizzazzjoni.

L-emendi proposti tar-Regola 8(9) jaġġornaw id-dispożizzjonijiet attwali billi jiċċaraw id-data rilevanti li tiddetermina l-ammont tat-tariffi li għandhom jitħallsu skont is-Sistema ta' Liżbona, b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet tagħha.

Is-subparagrafu (a) l-ġdid propost tar-Regola 8(9) tar-Regolamenti Komuni jispeċifika li d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni internazzjonali tiddetermina l-ammont tat-tariffi li għandhom jitħallsu skont ir-Regola 5(2)(c) tar-Regolamenti Komuni, jiġifieri t-tariffa għal reġistrazzjoni internazzjonali (ir-Regola 8(1)(i) tar-Regolamenti Komuni) u kwalunkwe tariffa oħra kif speċifikat fir-Regola 8 tar-Regolamenti Komuni).

Is-subparagrafu (b) il-ġdid propost tar-Regola 8(9) tar-Regolamenti Komuni jispeċifika li d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni sabiex issir modifika tiddetermina l-ammont tat-tariffi li għandhom jitħallsu skont ir-Regola 15(2)(a) tar-Regolamenti Komuni, jiġifieri t-tariffa għal modifika waħda jew aktar (ir-Regola 15(1) tar-Regolamenti Komuni).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1051 tat-22 ta' Mejju 2023 (ĠU L 141, 31.5.2020, p. 34).

Is-subparagrafu (c) il-ġdid propost tar-Regola 8(9) tar-Regolamenti Komuni jispeċifika li fil-każ ta' adeżjoni mal-Att ta' Ġinevra jew ratifika tiegħu minn Stat li huwa parti għall-Att tal-1967, id-data rilevanti li tiddetermina l-ammont tat-tariffi li għandhom jitħallsu — jiġifieri kwalunkwe tariffa għal modifika (ir-Regola 7(4)(a) tar-Regolamenti Komuni) jew kwalunkwe tariffa individwali (ir-Regola 7(4)(d) tar-Regolamenti Komuni) — hija d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att ta' Ġinevra għal dak l-Istat.

Is-subparagrafu (d) il-ġdid propost jispeċifika li d-dispożizzjonijiet skont il-verżjoni attwali tar-Regola 8(9) se jkomplu japplikaw fil-każijiet l-oħra kollha.

L-emendi proposti tar-Regola 15 li jintroduċu s-subparagrafi ġodda (vii) sa (ix) fil-paragrafu (1) jestendu l-lista tal-modifiki li jistgħu jiġu rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali, bħal modifika tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika, modifika tal-oġġett jew tal-oġġetti li għalihom tapplika d-denominazzjoni ta' oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika, jew modifika tad-dettalji, kif imsemmi fir-Regola 5(3)(a) jew fl-informazzjoni msemmija fir-Regola 5(6)(a)(vi). Il-paragrafu (5) il-ġdid propost tar-Regola 15 tar-Regolamenti Komuni jintroduċi l-possibbiltà li Parti Kontraenti tinnotifika rifjut jekk ma tkunx f'pożizzjoni li tiżgura l-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini jew tal-indikazzjoni ġeografika minħabba l-modifika.

L-emenda proposta tar-Regola 18(4) tallinja l-kliem ta' din id-dispożizzjoni mal-paragrafu (5) il-ġdid propost tar-Regola 15.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta tikkonsisti minn adeżjoni ma' kunsens potenzjali dwar Deċizzjoni tal-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona rigward l-adozzjoni tal-emendi tar-Regolamenti Komuni jew fi kwalunkwe każ minn vot favur l-emendi proposti tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċizzjoni. Dawk l-emendi huma ta' natura teknika u għandhom l-għan li jallinjaw u jissimplifikaw il-proċedura kif ukoll li jtejbu ċ-ċertezza legali fil-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għall-modifika tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi skont l-Att ta' Ġinevra.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċizzjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”².

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-Assemblea tal-Unjoni Speċjali hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Att ta' Ġinevra.

L-att li l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali qiegħda tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali ta' Liżbona

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("l-Att ta' Ġinevra")³, li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. Skont l-Artikolu 21 tal-Att ta' Ġinevra, il-Partijiet Kontraenti tiegħu huma membri tal-Assemblea tal-Unjoni Speċjali maħluqa bil-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Orġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom ("Ftehim ta' Liżbona")⁴.
- (2) Skont l-Artikolu 22(2)(a)(iii) tal-Att ta' Ġinevra, l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali għandha s-setgħa li temenda r-Regolamenti skont l-Att ta' Ġinevra.
- (3) Matul l-Assemblej Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO) li għandhom isiru mit-8 sas-17 ta' Lulju 2025, l-Assemblea tal-Unjoni Speċjali se tiġi mistiedna tadotta emendi tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra ("Regolamenti Komuni").
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali billi daww l-emendi se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Fis-sitt sessjoni tiegħu, li saret f'Ġinevra mit-8 sal-20 ta' Marzu 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tas-Sistema ta' Liżbona (il-"Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona") (jiġifieri s-sistema internazzjonali għar-reġistrazzjoni internazzjonali tad-denominazzjonijiet ta' orġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi) rrakkomanda lill-Assemblea tal-Unjoni Speċjali l-adozzjoni ta' diversi emendi tar-Regolamenti Komuni, kif proposti mis-Segretarjat tad-WIPO u modifikati mill-Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona.
- (6) L-emenda proposta tar-Regola 1(1) taġġorna d-definizzjoni ta' "formola uffiċjali" fis-subparagrafu (vi) biex tinkludi referenza għall-interfaċċa elettronika (e-Liżbona), li saret disponibbli mill-Bureau Internazzjonali għall-Awtoritajiet Kompetenti tas-Sistema ta' Liżbona fuq is-sit web tal-Organizzazzjoni.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1051 tat-22 ta' Mejju 2023 (ĠU L 141, 31.5.2020, p. 34), <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1051/oj>.

⁴ <https://www.wipo.int/wipolex/en/text/285838>

- (7) L-emendi proposti tar-Regola 8(9) jaġġornaw id-dispożizzjonijiet attwali billi jiċċaraw id-data rilevanti li tiddetermina l-ammont tat-tariffi li għandhom jitħallsu skont l-Artikoli 5(2)(c), 15(2)(a), 7(4)(a) u 7(4)(d) kif ukoll il-każijiet l-oħra kollha skont il-verżjoni attwali tar-Regola 8(9) rispettivament, filwaqt li jqisu l-ispeċifikitajiet differenti skont ir-Regolamenti Komuni.
- (8) L-emendi proposti tar-Regola 15 li jintroduċu s-subparagrafi l-ġodda (vii) sa (ix) fil-paragrafu 1 jestendu l-lista tal-modifiki li jistgħu jiġu rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali. Il-paragrafu (5) il-ġdid propost tar-Regola 15 tar-Regolamenti Komuni jintroduċi l-possibbiltà li Parti Kontraenti tinnotifika rifjut jekk ma tkunx f'pożizzjoni li tiżgura l-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' orġini jew tal-indikazzjoni ġeografika minħabba l-modifika.
- (9) L-emenda proposta tar-Regola 18(4) tallinja l-kliem ta' din id-dispożizzjoni mal-paragrafu (5) il-ġdid propost tar-Regola 15.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' daww l-emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Assemblea tal-Unjoni Speċjali fil-qafas tal-Assemblea Ġenerali tad-WIPO mit-8 sas-17 ta' Lulju 2025 għandha tkun waħda ta' appoġġ għall-adozzjoni tal-emendi tar-Regolamenti Komuni kif stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu wkoll dwar modifiki tal-emendi proposti, dment li dawn ma jbidlux is-sustanza b'mod sinifikanti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill

Il-President